MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 37/2002/1

**Paul Debono Jewellers Limited**

**Vs**

**Concetta sive Cettina Camilleri u Nazzareno Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta’ attrici fil-15 ta’ Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi l-konvenuta ghamlet zmien ta’ cirka erba’ snin tahdem bhala cleaner ma’ Paul Debono li hu shareholder fid-ditta attrici u relatat mad-diretturi;

Ippremettiet illi l-konvenuta kienet tnaddaf id-dar tal-istess Paul Debono – f’liema dar is-socjeta’ attrici kien ikollha

ammonti ta’ flus u kif ukoll deheb provenjenti mill-hwienet tad-deheb li l-istess ditta attrici iggesti;

Ippremettiet illi qabel ma jittiehdu l-Bank il-flus tan-negozju kienu qeghdin jittiehdu id-dar ta’ Paul Debono u jaghmlu xi zmien hemm f’boroz tal-plastic qabel ma jigu depositati;

Ippremettiet illi d-ditta attrici minn Ottubru 2001 kienet qed tinduna li kien qieghed ikun hemm diskrepanza bejn l-ammont ta’ flus li kien qed jigi indikat mill-bejgh u mill-kotba tal-hwienet u l-flus li kienu qeghdin jigu depositati minn Paul Debono;

Ippremettiet illi din id-diskrepanza tul perjodu li jwassal sat-8 ta’ Jannar, 2002 lahqet is-somma ta’ tlettax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm13,360.00).

Ippremettiet illi l-atturi gihom is-suspett illi l-konvenuta kienet qed tisraq il-flus u oggetti ohra appartenenti lid-ditta attrici mid-dar ta’ Paul Debono;

Ippremettiet illi ghalhekk l-atturi ippreparaw borza b’karti forma ta’ pakketti ta’ flus u poggew video camera mohbija li qabdet lill-konvenuta tfittex fl-istess borza meta assolutament ma kienx xogholha dak inhar li tkun f’dik il-parti tad-dar ta’ Paul Debono;

Ippremettiet illi sar rapport lill-Pulizija li minnufih arrestaw lill-konvenuta li ammettiet mal-ispettur Theuma li hi kienet ilha zmien tisraq minghand id-ditta attrici liema serq hi ammettiet li kien f’ammonti u l-fuq minn sebghat elef lira Maltin;

Ippremettiet illi fil-fatt il-konvenuta serqet is-somma ta’ Lm13,360.00, *oltre* oggett prezzjuz li jammontaw ghal tlett elef lira Lm3,000.00 kif jidher fl-elenku li qed jigi anness bhala Dok A;

Ippremettiet illi Dok B huwa statement li jindika x’kienu l-flus fl-idejn skond il-kotba tal-kumpanija imqabbel ma’ l-ammont ta’ x’kien qed jinstab fil-boroz tal-flus fid-dar wara

li jkunu intmissu mill-konvenuta. U ghalhekk dan il-prospett juri l-ammont fi flus li ittiehed mill-konvenuta.

Ippremettiet illi r-*"re furtiva"* ittiehdet id-dar tal-konvenuta u dahlet fil-proprjeta' li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li l-konvenuta ghandha ma zewgha li huwa l-konvenut l-iehor f'din il-kawza.

Talbet illi l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenuta ikkommettiet serq fil-konfront tal-atturi li jikkonsisti f'serq ta' flus ammontanti ghal tlettax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360.00) jew somma verjuri u serq ta' gojjelli ta' valur ta' tlett elef lira Maltin (Lm 3,000.00) jew somma verjuri; serq ghalhekk li fit-total tieghu jammonta ghal valur ta' sittax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 16,360.00) jew somma verjuri;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jew min minnhom ihallsu lill-atturi l-ammont ta' sittax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 16,360.00) jew somma verjuri kif tiddikjara dina l-Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati fit-9 ta' Jannar, 2002 u bl-interessi mid-9 ta' Jannar, 2002.

Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecepew illi;

1. Fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Nazzareno Camilleri ghandu jigi liberat mill-osservanza tal gudizzju *stante* illi huwa ma kien involut fl-ebda agir illegali u ghaldaqstant m'huwiex tenut illi jhallas xi ammonti li jistghu *talvolta* jkunu dovuti;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dovut huwa ferm inqas minn dak pretiz mis-

socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

4. *Salv'* eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi jirrizulta li l-konvenuta Concetta Camilleri kienet tahdem bhala cleaner ma' Paul Debono li hu shareholder fid-ditta attrici u li fid-dar tieghu, kien izomm flus tal-kumpanija u oggetti tad-deheb provenjenti mill-hwienet tad-deheb li l-istess ditta attrici tiggestixxi. Is-Sur Debono beda jinduna li flus u deheb li kien ihalli d-dar kienu jisparixxu u peress li kien qed jissuspetta fil-konvenuta, ipprepara borza b'karti forma ta' pakketti ta' flus u pogga video camera fl-istess kamra fejn pogga l-pakketti. Is-Sur Debono u l-familja tieghu hargu mid-dar u hallew lill-konvenuta waheda warajhom, kif gieli ghamlu wara li bdew jafdaw lill-istess konvenuta. Bis-sahha ta' din it-*"trap"*, huma qabdu lill-konvenuta tfittex u tqalleb fl-istess borza, u wara li sar rapport lill-Pulizija u giet ikkonfrontata b'dik l-evidenza, hi ammettiet li kienet ilha zmien tisraq minghand id-ditta attrici. Fil-fatt, hi tammetti li hadet flus li jammontaw ghal seba' t'elef (Lm 7,000.00), *pero'*, tichad li hi qatt misset gojjelli jew oggetti prezzjuzi. L-attur, minn naha l-ohra, jghid li l-konvenuta serqet tlettax il-elf, tlett

mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360.00) fi flus u tlett elef lira Maltin (Lm 3,000.00) valur ta’ deheb u hagar prezzjuz.

Meta l-konvenuta giet interrogata mill-Pulizija u mistoqsija biex tghid kemm hadet flus, hi baqghet tinsisti li hadet madwar seba’ t’elef lira Maltin (Lm 7,000.00), izda l-flus, kif ammettiet, qatt ma kienet tghoddhom; f’okkazzjoni minnhom qalet li jista’ jkun li hadet aktar minn seba’ t’elef lira Maltin (Lm 7,000.00), izda zgur mhux tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00). Ta’ min jinghad li l-figura ta’ seba’ t’elef lira Maltin (Lm 7,000.00) li semmiet il-konvenuta ma kienetx figura li harget biha l-konvenuta, izda kien indikahielha l-Ispettur Dennis Theuma li investiga s-serqa, u dan fuq indikazzjoni preliminari li kien tah wiehed mid-diretturi. Wara li l-kumpanija ghamlet ic-*checking* taghha, irrizultala li flus neqsin kienu jammontaw ghal aktar minn tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00), u kienet meta rinfaccjata b’din il-figura li l-konvenuta ammettiet li setghet hadet aktar minn seba’ t’elef lira Maltin (Lm 7,000.00), izda zgur mhux tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00). Hi dejjem baqghet issostni li gojjelli u deheb qatt ma hadet.

Mill-premess jidher li, fil-waqt li m’hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta serqet ammont ta’ flus appartenenti lis-socjeta’ attrici, id-divergenza bejn il-partijiet hu fuq il-*quantum* tal-flus misruqa u jekk, fost ir-refurtiva, kienx hemm ukoll deheb u hagar prezzjuz iehor.

Biex issostni l-kaz taghha, is-socjeta attrici wriet li d-direttur principali taghha, Paul Debono, soltu li jiehu t-*takings* tal-hanut id-dar tieghu u kien jahbihom f’boroz wara s-sufan. Il-flus ihallihom ftit ta’ jiem hemm sakemm jaslu biex jiddepposithom il-Bank. Qabel, *pero’*, ma l-flus tal-gurnata jitpoggew wara s-sufan, hu kien jiccekjhom d-dar, fejn ghandu l-ufficju. Il-kotba jinghalqu kull xahar, u fl-ahhar ta’ kull xahar isir *checking* tal-flus attwali ma’ l-accounts. Meta ghalqu l-kotba tax-xahar ta’ Ottubru, 2001, sabu li kien hemm diskrepanza ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm 5,000.00) bejn *cash in hand* u l-flus fl-idejn li kienu juru l-kotba. F’Dicembru sar ic-*checking* ta’ Novembru u nstab li d-diskrepanza telghet ghal seba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm 7,500.00). Hu u ibnu

Envin bdew jissuspettaw fis-seftura u, wara li ghadda l-Milied, iddecidew li jaghmlu *trappola* ghas-seftura, u, bhala rizultat, qabduha fil-fatt tqalleb fil-borza ta' wara s-sufan. F'Jannar ghalqu l-kotba ta' Dicembru u sabu li d-diskrepanza telghet ghal madwar tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00). Is-socjeta' attrici ppresentat kopja tat-*Trial Balance* ghax-xahar ta' Dicembru, 2001, li minnu jirrizulta li l-kumpanija suppost kellha tmintax il-elf mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm 18,210) *cash in hand,* izda fizikament kellha biss erba' t'elef tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm 4,850); b'hekk tirrizulta diskrepanza ta' tlettax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360) li qed jigi allegat li gew misruqa mill-konvenuta.

Paul Debono u martu Rose ikkonfermaw ukoll li fid-dar fejn kienu jpoggu l-flus ghandhom sigurta' qawwija, fis-sens, li difficli li halliel jakkwista access ghal god-dar; *inoltre* ma kellhom ebda kaz ta' zgass jew intrussjoni fil-proprieta' taghhom fil-perjodu in kwistjoni. Il-flus, ghalhekk, setghu ittiehdu jew mil-familja Debono stess jew mis-seftura, il-konvenuta, li kienu l-unici persuni li kellhom access liberu u wahedhom fid-dar. Paul Debono jghid li kien ipoggi l-flus wara s-sufan u mhux gos-safe ghax kien jahseb li, f'kaz ta' *hold up* jew *break-in*, hallelin l-ewwel ma jmorru hu ghas-*safe*, u b'hekk kien qed jispera li l-hallelin ma tigihomx f'rashom ifittxu wkoll wara s-sufan. Hadd ma kien jaf b'dik il-*"mohba"*, izda s-seftura, fil-kors tax-xoghol taghha, jidher, li skopriet dan u bdiet tiehu l-flus. Hi, fil-fatt, inqabdet tqalleb fil-borza wara s-sufan u ammettiet li hadet seba' t'elf lira Maltin (Lm 7,000.00) jew xi haga aktar; hi tichad li hadet somma vicin it-tlettex il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00).

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>"Farrugia vs Farrugia"</u> deciza fl-24 ta' Novembru, 1966, *"Il-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verasimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, hi propensa li tinklina favur it-tezi tas-socjeta' attrici. Kemm Paul Debono, kif ukoll ibnu Envin, li xehed quddiem din il-Qorti, jidhru li huma persuni affidabbli, u l-versjoni taghhom ta' kif waslu ghal figura ta' tlettax il-elf u tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360) kienet konsistenti u hi *verosimili*. Gie konfermat li l-*accounts* tal-kumpanija juru suppost *cash in hand* ta' tmintax il-elf mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm 18,210), u gie konfermat ukoll li l-ammont li l-kumpanija kellha fir-realta' f'idejha kien ta' erba' t'elef tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm 4,850.00). *Kwindi,* d-diskrepanza ta' tlettax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360.00) giet pruvata, u fin-nuqqas ta' allegazzjoni ta' sgass fid-dar fejn kienu jinzammu l-flus, ic-cirkustanzi necessarjament jippuntaw lejn il-persuna tal-konvenuta. Hija nqabdet tisraq u ammettiet li serqet hafna flus. Hi ammettiet ukoll li ma kienetx tghodd il-flus li kienet tisraq (cirkustanza din, li l-Qorti difficili taccetta), u meta giet mistoqsija mill-Pulizija biex tghid kemm serqet qalet li ma tafx (biex tara x'se jghidu ta' Debono!), izda li taf zgur *"li minnhom infaqt fuq li nfaqt".* Meta l-Pulizija issugerilha li l-ammont forsi kien ta' seba' t'elef lira Maltin (Lm 7,000.00) (id-diskrepanza li sa dak il-hin, kienu ikalkulaw ta' Debono), hi mill-ewwel hatfet l-okkazzjoni u irrispondiet *"nghidlek li iva"*. Meta, ssussegwentement, giet konfrontata bil-fatt li l-ammont nieqes jaccedi it-tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00), regghet qalet li l-flus m'ghoddithomx, li setghu kienu ftit aktar mis-seba' t'elef lira Maltin (Lm 7,000.00), izda li zgur mhux tlettax il-elf lira Maltin (Lm 13,000.00). Fid-dawl ta' din l-incertezza u l-inkonsistenza, din il-Qorti ftit issib li temmen lill-konvenuta. Il-konvenuta hi persuna li *ex admissis,* uriet disponibilita' ghas-serq, u la darba irrizulta li l-konvenuta fil-fatt kienet l-awtrici tas-serq u s-somma nieqsa kienet ta' tlettax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 13,360), il-konsegwenza logika hi li dik hi s-somma li nsterqet mill-konvenuta.

Il-Qorti ma ssib xejn biex issostni l-allegazzjoni li s-socjeta' attrici qed tipprova tapprofitta ruhha mic-cirkustanzi; il-kaz kif imressaq mis-socjeta' attrici jidher *verosimili* u reali, u fuq bilanc ta' probabilitajiet itenni li

taccetta t-tezi tas-socjeta' attrici dwar l-ammont ta' flus misruqa.

Dwar id-deheb, Envin Debono xehed li hu sab zewg *necklaces* nieqsa, izda l-familja m'hijiex certa jekk, bhala fatt, wahda minnhom kienetx id-dar jew le. Fuq dik, *pero'*, issettjata bil-brillanti, huma certi li kienet id-dar u li insterqet mill-konvenuta; dan il-girakoll gie stimat li jiswa tlett elef lira Maltin (Lm 3,000.00). Il-konvenuta tichad li qatt serqet dan il-girakoll, izda mid-depozizzjoni ta' Rose Debono, din il-Qorti hi moralment konvinta li r-responsabilita' ta' din is-serqa ghandha tigi mitfugha wkoll fuq il-konvenuta. Fuq dan il-girakoll, Rose Debono xehdet hekk:

*"Kont sibt girakoll tal-brillanti (ta' xi tlett elef lira) nieqes. Dan il-girakoll kont ilbistu xi xahar qabel u wara erfajtu ghalih wahdu sakemm insib cans nerga' niehdu lura fejn normalment niddepozita l-gojjelli personali tieghi. Hbejtu f'tapit imgerbeb f'wahda mill-kmamar tas-sodda li kienu juzaw it-tfal qabel ma' zzewgu, u ma' ghid lill-hadd bih. Minn dak in-nhar ma' rajtux aktar. Dan it-tapit Cettina kellha access ghalih, anke f'hinijiet li ma' kenitx tkun fil-prezenza tieghi, per ezempju x'hin kienet tkun tnaddaf fuq waqt li jien nkun qieghda fil-kcina isfel. Darba minnhom, meta jien staqsejt lil Cettina fuq dan il-girakoll hi cahdet bil-qawwa li messitu, u sahansitra qaltli "Ejja ha nfittxuh" u, bla ma' taghtni cans nirrispondi, marret tiftah kexxun partikolari li fih jien kont inzomm xi gawhar ta' kull jum. Jiena qatt ma kont urejtha li kont gieli inzomm xi gawar hemm. Meta rajt hekk mort inwaqqafha mill-ewwel".*

Hi kompliet tghid kif darba ohra sabet girakoll iehor f'kaxxa ta' *cornflakes* bejn il-borza vojta u l-qiegh tal-pakkett, u dan meta l-kaxxi l-vojta tal-*cornflakes* kienet tghatihom lill-konvenuta ghar-ragel taghha li kien juzahom biex jaghmel stoppini ghall-festi. Ic-cirkustanzi jixthu dell ikrah fuq il-konvenuta, u jinducu f'mohh din il-Qorti dik ic-certezza morali li hi bizzejjed biex iwassal tribunal civili ghal-dikjarazzjoni ta' responsabilita' (ara "Spiteri vs Spiteri", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 2002).

Il-konvenut Nazzareno Camilleri, ir-ragel tal-konvenuta Concetta Camilleri, jecepixxi li hu ma kien involut f'ebda agir illegali u ma ppartecipax fid-diversi serqiet li wetqet martu. Mill-provi, fil-fatt, ma jirrizultax li hu kien kompartecipi fis-serqiet u hu fil-fatt jichad li kien jaf li martu kienet qed tisraq flus minghand il-familja Debono. Din l-istqarrija ma gietx kontradetta u ma giex muri l-kuntrarju. Il-konvenuta tghid li l-flus uzathom biex tixtri affarijiet ghall-familja taghha u li hi ghandha familja numeruza.

Ma hemm xejn fil-provi li jinvolvi lill-konvenut u l-Qorti sejra, ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni preliminari minnu sollevata. *Inoltre,* l-*artikolu* 1327(f) tal-Kodici Civili jiddisponi li d-dejn li ikun a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti huwa dak biss *"dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zewg meta dak l-indenizzz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda".* La darba li s-serq hu reat li jsir volontarju u bir-rieda, l-obbligazzjoni ta' indeniz li ghandha l-konvenuta m'ghandux jitqies bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, u *kwindi* aktar u aktar il-prezenza tal-konvenut m'hijiex mehtiega f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Nazzareno Camilleri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u fit-tieni lok, billi tichad l-eccezzjonijiet l-ohra u tikkundanna lill-konvenuta Concetta sive Cettina Camilleri thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax il-elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm 16,360) bhala indenizz tad-diversi serqiet ta' flus u gojjelli ta' valur li hi kkommettiet a dannu tas-socjeta' attrici. Fuq din is-somma jiddekorru l-interessi ta' 8% mid-9 ta' Jannar, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta Concetta sive Cettina Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------